



Brussell, 24 ta' Frar 2025  
(OR. en)

6511/25

MAMA 44  
MED 12  
ISR 2

**NOTA**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  
lil: Delegazzjonijiet

---

Suġġett: Relazzjonijiet ma' Iżrael  
- Pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea għat-13-il laqgħa tal-Kunsill ta'  
Assoċjazzjoni  
(Brussell, 24 ta' Frar 2025)

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża l-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea għat-13-il Kunsill ta'  
Assoċjazzjoni UE-Iżrael.

**IT-TLETTAX-IL LAQGĦA TAL-  
KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-IŻRAEL**

**(Brussell, 24 ta' Frar 2025)**

**Dikjarazzjoni tal-Unjoni Ewropea**

1. L-Unjoni Ewropea (UE) tilqa' din it-tleTTax-il laqgħa tal-**Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Iżrael**. L-UE tagħti importanza kbira lir-relazzjonijiet mill-qrib tagħha mal-Istat ta' Iżrael, u tapprezza d-djalogu politiku sinċier u miftuħ tagħha ma' Iżrael bil-ħsieb li jippromwovi fehim kondiviż tal-isfidi fil-Lvant Nofsani u lil hinn minnu. Din il-laqgħa ta' importanza kbira qed issir wara s-sitwazzjoni straordinarja tal-attakki terroristiċi tas-7 ta' Ottubru 2023 kontra Iżrael, it-tbatija tal-ostaġġi, il-kunflitt f'Gaza, u l-bidliet reġjonali. Il-laqgħa ser tkun opportunità biex tiġi diskussa s-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani, inkluż il-kunflitt f'Gaza u l-konsegwenzi umanitarji sinifikanti tiegħu, kif ukoll il-kooperazzjoni bejn l-UE u Iżrael.

2. L-UE u Iżrael għandhom relazzjonijiet politiċi, kulturali, bejn il-persuni, turistiċi, kummerċjali u ta' investiment mill-qrib u ta' benefiċċju reċiproku, kif ukoll kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja, ta' riċerka u innovazzjoni u ta' sigurtà sinifikanti, inkluż dwar il-maniġġar ta' kriżijiet u l-protezzjoni ċivili. Din il-kooperazzjoni sseħħ **fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat<sup>1</sup>**, li jipprovdi lill-UE u lil Iżrael bl-opportunità sħiħa biex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom, inkluż permezz tal-possibbiltà li jiġu nnegożjati l-prijoritajiet tas-sħubija. Ir-relazzjonijiet tal-UE ma' Iżrael ser ikunu wkoll parti importanti mill-Istrateġija komprensiva l-ġdida bejn l-UE u l-Lvant Nofsani u l-Patt il-ġdid għall-Mediterran.
3. L-UE tfakkar li, skont l-Artikolu 2 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, ir-relazzjonijiet bejn il-Partijiet, kif ukoll id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim innifsu, għandhom ikunu bbażati fuq **ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji demokratiċi**, li jiggwida l-politika interna u internazzjonali tagħhom u jikkostitwixxi element essenzjali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

---

<sup>1</sup> [https://neighbourhood-enlargement.ec.europa.eu/system/files/2019-11/eu-israel\\_action\\_plan\\_2005.pdf](https://neighbourhood-enlargement.ec.europa.eu/system/files/2019-11/eu-israel_action_plan_2005.pdf)

4. L-UE ttenni l-kundanna bl-aktar mod qawwi tagħha tal-**attakki terroristiċi brutali u indiskriminati mwettqa mill-Hamas** u gruppi terroristiċi oħra kontra Iżrael fis-7 ta' Ottubru 2023, tal-attakki fuq Iżrael imwettqa mill-Hezbollah bejn it-8 ta' Ottubru 2023 u s-27 ta' Novembru 2024, tal-**attakki Iranjani fuq Iżrael** fit-13 ta' April u l-1 ta' Ottubru 2024, u tal-**attakki rikorrenti fuq Iżrael mill-Houthi**. L-UE tesprimi s-solidarjetà u l-appoġġ sħiħ tagħha lil Iżrael u lill-poplu tiegħu, tappoġġa lill-familji tal-vittmi u l-ostaġġi meħuda mill-Hamas, tesprimi tħassib serju dwar il-kundizzjonijiet li nżammu fihom, u tafferma mill-ġdid l-impenn sħiħ tagħha għas-sigurtà ta' Iżrael u għall-istabbiltà reġjonali. Fl-eżerċizzju tad-dritt tiegħu li jiddefendi lilu nnifsu, Iżrael irid jikkonforma bis-sħiħ mal-obbligi tiegħu skont id-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt umanitarju internazzjonali, fiċ-ċirkostanzi kollha. L-UE ttenni l-importanza li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili kollha, inkluż tal-ħaddiema umanitarji, f'kull ħin, kif ukoll tal-infrastrutturi ċivili, inkluż faċilitajiet mediċi, skejjel u bini tan-NU.

5. Wara l-attakki tas-7 ta' Ottubru 2023, l-UE rrieżaminat il-lista tagħha ta' terroristi (CP-931) biex iżżid magħha l-mexxej politiku u żewġ mexxejja militari tal-Hamas. Fid-19 ta' Jannar 2024, adottat **reġim ġdid ta' sanzjonijiet kontra l-Hamas** għal kwalunkwe individwu jew entità li tappoġġa, tiffaċilita jew tgħin azzjonijiet vjolenti mill-Hamas u l-Ġiħad Iżlamika tal-Palestina, skont liema bħalissa huma sanzjonati 12-il individwu u tliet entitajiet. Fit-12 ta' April 2024, tliet entitajiet tal-Hamas ġew iddeżinjati mill-UE fil-qafas tar-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem (EUGHRSSR) għall-azzjonijiet tagħhom waqt l-attakki tas-7 ta' Ottubru (vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru mifruxa).
6. L-UE tilqa' b'sodisfazzjon **il-ftehim ta' waqfien mill-ġlied f'Gaza**, li ser jippermetti **r-rilaxx gradwali tal-ostaġġi** - u hekk tiġi fi tmiemha din l-esperjenza terribbli tagħhom li ilha għaddejja għal aktar minn 15-il xahar - itemm l-ostilitajiet u **jtaffi t-tbatija umanitarja** f'Gaza. Huwa vitali li l-ftehim jiġi implimentat bis-sħiħ biex l-ostaġġi kollha jkunu jistgħu jiġu rilaxxati, u biex jiġi żgurat tmiem permanenti għall-ostilitajiet. L-UE testendi l-gratitudni tagħna lill-Istati Uniti, l-Eġittu u l-Qatar għall-isforzi tagħhom biex jiġi nnegożjat il-waqfien mill-ġlied, li l-UE ilha b'mod konsistenti tappella għalih. L-UE tiddeplora profondament l-għadd inaċċettabbli ta' ċivili, speċjalment nisa u tfal, li tilfu ħajjithom, u s-sitwazzjoni umanitarja katastrofika kkawżata b'mod partikolari mid-dħul insuffiċjenti ta' għajjnuna f'Gaza, b'mod partikolari fit-Tramuntana. Filwaqt li tilqa' ż-żieda fl-għajjnuna li qed tasal f'Gaza minn meta daħal fis-seħħ il-waqfien mill-ġlied, l-UE ttenni l-appelli tagħha biex jingħata aċċess sħiħ u mingħajr xkiel għall-għajjnuna umanitarja lejn l-istrixxa ta' Gaza u biex l-għajjnuna tkun tista' titqassam b'mod effettiv lil dawk fil-bżonn, inkluż mill-aġenziji tan-NU u b'mod partikolari mill-UNRWA. In-nies ta' Gaza li ġew spostati għandhom jiġu żgurati ritorn sikur u dinjituż lejn djarhom f'Gaza. L-UE tappella lil Iżrael biex jagħmel sforzi biex jiffaċilita l-qsim tal-fruntieri konsulari sabiex iċ-ċittadini tal-UE jkunu jistgħu jħallu Gaza. L-UE tfakkar ukoll fil-ħtieġa li jiġu implimentati bis-sħiħ l-ordnijiet tal-**Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja**, li huma legalment vinkolanti.

7. Il-**Missjoni ċivili tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah** (EUBAM Rafah) ġiet skjerata mill-ġdid fil-Punt ta' Qsim ta' Rafah (RCP) fuq it-talba tal-Palestinjani u tal-Iżraeljani bi qbil mal-Eġizzjani, u f'konformità mal-Ftehim tal-2005 dwar il-Moviment u l-Aċċess (AMA). Il-missjoni skjerat tim speċjalizzat biex il-persunal Palestinjan ikun jista' jiftaħ mill-ġdid l-RCP u b'hekk ikunu jistgħu jiġu trasferiti n-nies 'il barra minn Gaża, inkluż uħud li għandhom bżonn trattament mediku. Il-EUBAM Rafah jista' jkollha rwol deċiżiv fl-appoġġ għall-waqfien mill-ġlied.
8. L-UE ttenni l-impenn sod tagħha għal **paċi ġusta, komprensiva u dejjiema** skont ir-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU (KSNU), abbażi tas-**soluzzjoni ta' żewġ stati**, bl-Istat ta' Iżrael u Stat tal-Palestina indipendenti, demokratiku, kontigwu, sovrani u vijabbli, li jgħixu maġenb xulxin fil-paċi, is-sigurtà u r-rikonoxximent reċiproku, b'Ġerusalemm bħala l-belt kapitali futur taż-żewġ stati. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jirrispettaw il-konsensus internazzjonali dwar Ġerusalemm inkorporat fir-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-KSNU sakemm jiġi riżolt l-istatus finali ta' Ġerusalemm. L-UE hija mħassba serjament li l-okkupazzjoni tat-territorju Palestinjan li bdiet fl-1967 għadha għaddejja sal-lum il-ġurnata, filwaqt li tenfasizza b'mod partikolari li l-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja sabet li l-preżenza kontinwa ta' Iżrael fit-territorju Palestinjan okkupaat hija illegali. L-UE tfakkar fir-riżoluzzjoni 2735 (2024) tal-KSNU li tirrifjuta kwalunkwe tentattiv li jsiru bidliet demografiċi jew territorjali fl-Istrixxa ta' Gaża u li tenfasizza l-importanza tal-unifikazzjoni tal-Istrixxa ta' Gaża max-Xatt tal-Punent taħt l-Awtorità Palestinjana.

9. L-UE ser tkompli tappoġġa u **tinvolvi ruħha b'mod attiv mas-sħab internazzjonali** biex jittieħdu passi konkreti irriversibbli lejn is-soluzzjoni ta' żewġ stati, filwaqt li jerġa' jitqajjem proċess politiku b'dan l-għan, inkluż permezz tal-organizzazzjoni ta' konferenza internazzjonali dwar il-paċi malajr kemm jista' jkun. L-UE tenfasizza li **perkors kredibbli għal stat Palestinjan** huwa komponent kruċjali ta' dak il-proċess politiku. It-tnedija tal-"alleanza globali għall-implimentazzjoni tas-soluzzjoni ta' żewġ stati" fis-26 ta' Settembru 2024 kienet pass importanti biex jintwera l-impenn tal-UE għas-soluzzjoni ta' żewġ stati. F'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni UE-Iżrael, l-UE tteġġegħ lil Iżrael biex jimpenja ruħu b'mod attiv fi sforzi biex terġa' tingħata ħajja lill-proċess politiku lejn is-soluzzjoni ta' żewġ stati.
10. L-UE ser tikkontribwixxi b'mod attiv għal sforz internazzjonali kkoordinat għall-irkupru u r-rikostruzzjoni bikrija f'Gaza. L-UE ser tkompli **tappoġġa lill-Awtorità Palestinjana** biex tgħinha tindirizza l-aktar ħtiġijiet urġenti tagħha, tibni l-kapaċitajiet istituzzjonali, timplimenta l-aġenda ta' riforma tagħha u tgħinha, inkluż permezz tal-EUPOL COPPS, tindirizza l-isfidi ta' sigurtà. L-UE tenfasizza li azzjonijiet li jdgħajfu l-Awtorità Palestinjana jridu jieqfu. L-UE tappella lil Iżrael biex jappoġġa lill-Awtorità Palestinjana, jiffaċilita r-ritorn tagħha lejn Gaza, jirrilaxxa dħul minn dazji u imposti miżmum, jikkunsidra li jerġgħu jibdew jingħataw permessi tax-xogħol għall-Palestinjani, u jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li s-servizzi bankarji korrispondenti bejn il-banek Iżraeljani u dawk Palestinjani jibqgħu fis-seħħ wara l-aħħar estensjoni.
11. L-UE tenfasizza l-importanza tal-implimentazzjoni sħiħa u l-aġġornament tal-**Protokoll ta' Pariġi**, inkluż fir-rigward tat-trasferiment sħiħ, f'waqtu, prevedibbli u trasparenti tad-dħul mit-taxxa u dak doganali. L-UE hija lesta tappoġġa miżuri rilevanti, inkluż it-trasferimenti tar-responsabbiltajiet doganali, l-implimentazzjoni sħiħa tal-VAT elettronika u infrastruttura oħra li tiġġenera dħul.

12. L-UE **topponi bil-qawwa kull azzjoni li ddghajef il-vijabbiltà tas-soluzzjoni ta' żewġ stati.** L-UE ser tkompli tissorvelja mill-qrib l-iżviluppi fuq il-post u l-implikazzjonijiet aktar wiesgħa tagħhom u ser tikkunsidra azzjoni ulterjuri sabiex tiġi protetta l-vijabbiltà tas-soluzzjoni ta' żewġ stati, li hija kontinwament mhedda minn fatti ġodda fuq il-post, inkluż permezz ta' espansjoni tal-insedjamenti.
13. L-UE **ttenni l-oppożizzjoni qawwija tagħha għall-politika u l-attivitajiet ta' insedjament ta' Iżrael,** inkluż f'Ġerusalemm tal-Lvant u madwarha. L-UE mhijiex ser tirrikonoxxi bidliet fil-konfini stabbiliti fl-1967, sakemm ma jkunx hemm qbil bejn il-partijiet. L-UE tfakkar li l-annessjoni hija illegali skont id-dritt internazzjonali. L-UE tappella lil Iżrael biex iwaqqaf l-espansjoni kontinwa tal-insedjamenti u l-attivitajiet relatati, inkluż dikjarazzjonijiet ta' art tal-istat kif ukoll żgumbramenti, demolizzjonijiet, konfiska u trasferimenti furzati ta' Palestinjani, li laħqu livelli rekord fis-sena li għaddiet. Barra minn hekk, l-UE tikkundanna bil-qawwa d-demolizzjonijiet tal-istrutturi ffinanzjati mill-UE jew mill-Istati Membri tagħha u tistenna li Iżrael jagħmel tajjeb għall-ħsara f'konformità mad-dritt internazzjonali. Mis-7 ta' Ottubru 2023 'l hawn, żieda fir-restrizzjonijiet għall-aċċess minn Iżrael fix-Xatt tal-Punent kellha impatt serju fuq il-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi tal-Palestinjani. L-UE tappella lil Iżrael biex jagħmilha possibbli li jkun hemm titjib tanġibbli tal-libertà ta' moviment u l-aċċess għall-Palestinjani, jiffaċilita it-tħaffif tal-kostruzzjoni Palestinjana, kif ukoll l-iżvilupp soċjali u ekonomiku fiż-Żona C, u jreġġa' lura d-deterjorament tal-kundizzjonijiet tal-ġhajxien tal-Palestinjani fiż-Żona C.

14. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma impenjati li jikkonformaw bis-sħiġ mad-dritt internazzjonali u li jimplimentaw il-**leġislazzjoni tal-UE kif ukoll l-arranġament tekniku bilaterali applikabbli għall-prodotti tal-insedjamenti** kif xieraq. L-UE u l-Istati Membri tagħha jserrġu fuq kooperazzjoni bejn l-UE u Iżrael għal implimentazzjoni effettiva tal-arranġament tekniku. L-UE tesprimi l-impenn tagħha li tiżgura li - f'konformità mad-dritt internazzjonali - il-ftehimiet kollha bejn l-Istat ta' Iżrael u l-UE jridu jindikaw b'mod inekwivoku u espliċitu l-inapplikabbiltà tagħhom għat-territorju okkupat minn Iżrael fl-1967. Dan ma jikkostitwix bojkott tal-Istat ta' Iżrael, li l-UE topponi bil-qawwa.
15. L-UE tikkundanna bil-qawwa l-eskalazzjoni ulterjuri fix-**Xatt tal-Punent, inkluż f'Ġerusalemm tal-Lvant**, wara żieda fil-vjolenza mill-abitanti tal-insedjamenti, l-espansjoni ta' insedjamenti illegali, operazzjonijiet militari Iżraeljani u żieda fl-attakki terroristiċi kontra Iżrael. L-UE tfakkar li l-miżuri kontra t-terroriżmu jridu jikkonformaw mad-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju. L-UE tikkundanna bil-qawwa l-**vjolenza kontinwa minn abitanti estremisti tal-insedjamenti** fix-Xatt tal-Punent, inkluż f'Ġerusalemm tal-Lvant. Iżrael irid jagħmel aktar biex jipprevjeni l-vjolenza mill-abitanti tal-insedjamenti u l-awturi jridu jinżammu responsabbli. S'issa l-UE elenkat disa' individwi u ħames entitajiet fil-qafas tar-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem. L-UE lesta tmexxi 'l quddiem il-ħidma fir-rigward ta' aktar miżuri restrittivi kontra abitanti estremisti tal-insedjamenti u kontra l-entitajiet u l-organizzazzjonijiet li jappoġġawhom.

16. L-UE tappella lil Iżrael jiżgura aċċess sigur għas-**Siti Mqaddsa u biex jinżamm l-Istatus Quo** stabbilit fl-1967 għal Haram al-Sharif/l-Għolja tat-Tempju f'konformità ma' ftehimiet preċedenti u b'kunsiderazzjoni tar-rwol speċjali tal-Ġordan. L-istatus u l-karattru speċjali ta' Ġerusalemm u l-Belt l-Antika tagħha, l-invjolabbiltà tal-ispace sagri tagħha u l-vijabbiltà tal-komunitajiet kollha tagħha għandhom jiġu ppreżervati u rrispettati minn kulħadd.
17. L-UE tenfasizza r-rwol essenzjali tan-**NU** u tal-aġenziji tagħha, b'mod partikolari l-**UNRWA**, li tipprovdi appoġġ kruċjali lill-popolazzjoni ċivili, inkluż għajnunha umanitarja u servizzi bażiċi, kemm fit-territorju Palestinjan okkupat kif ukoll fir-reġjun usa'. L-UE ttenni t-tħassib serju tagħha dwar il-konsegwenzi estensivi tal-leġiżlazzjoni Iżraeljana dwar l-UNRWA għall-operazzjonijiet tagħha fix-Xatt tal-Punent, inkluż f'Ġerusalemm tal-Lvant, u f'Gaża. L-UE tiddeplora l-irtirar ta' Iżrael mill-ftehim tal-1967 bejn Iżrael u l-UNRWA u tikkundanna kwalunkwe tentattiv biex tiġi mfixkla l-kapaċità tal-UNRWA li twettaq il-mandat tagħha. Huwa essenzjali li l-UNRWA tkun tista' tkompli twettaq il-ħidma kruċjali tagħha f'konformità mal-mandat tagħha adottat mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fl-1949 u mġedded minn dak iż-żmien 'l hawn. L-UE hija impenjata li tkompli tappoġġa lill-Aġenzija, u tissorvelja u tevalwa mill-qrib l-implimentazzjoni, permezz tal-Pjan ta' Azzjoni, tar-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tal-Grupp ta' Rieżami Indipendenti wara l-allegazzjonijiet kontra xi persunal tal-UNRWA, u tistenna b'interess azzjoni deċiżiva ulterjuri min-NU biex jiġu żgurati n-newtralità, l-irfigħ tar-responsabbiltà u t-tiħiħ tal-kontroll u s-sorveljanza sabiex jiġu evitati każijiet oħra. L-UE tikkundanna lill-Ħamas għall-allegat użu tal-faċilitajiet tal-UNRWA.
18. L-UE tafferma mill-ġdid l-impenn sod tagħha għal **multilateraliżmu effettiv u għall-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli** bin-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tagħha, filwaqt li tibqa' dejjem tirrispetta l-Karta tan-NU u r-regoli u l-prinċipji minqax fil-Karta tan-NU, inkluż dawk tas-sovranità u l-integrità territorjali, l-indipendenza politika u l-awtodeterminazzjoni. L-UE tafferma l-appoġġ sħiħ u sod tagħha għas-Segretarju Ġenerali tan-NU u jiddispjaċiha mid-deċiżjoni li jiġi ddikjarat "persona non grata".

19. L-UE ttenni l-appell tagħha lil Iżrael biex jikkoopera bis-siġħ man-Nazzjonijiet Uniti, inkluż mal-mekkaniżmi tad-drittijiet tal-bniedem, u biex jiffaċilita l-aċċess għad-detenturi ta' mandat tan-NU, inkluż fir-rigward tal-ħruġ ta' viżi għall-persunal internazzjonali.
20. L-UE ttenni l-appoġġ tagħha għan-**normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn Iżrael u għadd ta' stati Għarab** fir-reġjun, li hija ta' benefiċċju għall-pajjiżi kollha involuti u pass fundamentali għall-istabbilizzazzjoni tar-reġjun kollu kemm hu. L-UE tappoġġa kooperazzjoni reġjonali u trilaterali u inizjattivi konġunti li jifihru perspettiva ġdida għan-negozju, in-nies, il-kummerċ, l-ivvjaġġar, ir-riċerka, l-ambjent kif ukoll f'għadd ta' oqsma oħra. L-UE ttenni l-impenn tagħha għal paċi komprensiva u dejjiema għar-reġjun kollu u lesta li taħdem għal dan l-għan flimkien mas-sħab reġjonali u internazzjonali tagħha. F'dan ir-rigward, l-UE ser tipprova tteġġeg u tibni fuq l-istabbiliment ta' relazzjonijiet diplomatiċi bejn Iżrael u għadd ta' pajjiżi Għarab, bil-ħsieb li jissaħħu l-prospetti biex tintlaħaq soluzzjoni komprensiva fil-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani.
21. L-UE tilqa' l-**ftehim ta' waqfien mill-ġlied tas-27 ta' Novembru 2024 bejn Iżrael u l-Libanu**, wara l-isforzi ta' medjazzjoni mwettqa b'mod partikolari minn Franza u l-Istati Uniti. Hija tteġġeg lill-partijiet biex jimplimentaw bis-siġħ l-impenni tagħhom meħuda fil-qafas tal-ftehim ta' waqfien mill-ġlied, u tappella għall-implimentazzjoni sħiħa tar-Riżoluzzjoni 1701 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. F'dak il-kuntest l-UE ttenni r-rwol fundamentali ta' stabbilizzazzjoni li l-Forza Interim tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Libanu (UNIFIL) għandha fin-Nofsinhar tal-Libanu. L-UE ser tkompli tappoġġa s-sovranià, l-integrità territorjali u l-isforzi għall-bini tal-istat tal-Istat Libaniż, inkluż billi tikkontribwixxi għat-tiġħ tal-Forzi Armati Libaniżi, inkluż fil-qafas tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi.

22. L-UE ttenni l-kundanna qawwija tagħha tat-**trasferimenti mill-Iran ta' droni u missili ballistiċi lejn ir-Russja**, li hija theddida diretta għas-sigurtà Ewropea, kif ukoll tal-azzjonijiet serjament destabilizzanti tal-Iran fil-Lvant Nofsani kollu. L-UE tibqa' impenjata bis-sħiħ għad-dieskalazzjoni fil-Lvant Nofsani u tteġġeg lill-Iran itemm l-azzjonijiet destabilizzanti kollha fir-reġjun kollu, inkluż l-appoġġ tiegħu għal gruppi terroristiċi u armati, inkluż il-Houthi, Hezbollah, u l-Hamas.
23. Hija **prijorità ta' sigurtà ewlenija għall-UE li tiżgura li l-Iran ma jakkwistax armi nukleari**. Il-fatt li matul l-aħħar ħames snin l-avvanzi nukleari tal-Iran, mingħajr ebda ġustifikazzjoni ċivili kredibbli, ma naqsux, huwa ta' tħassib kbir. L-UE tappella lill-pajjiżi kollha biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 2231 (2015) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, li approvat il-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt (PAKK), li tipprovdi l-bażi għall-ħidma ta' monitoraġġ u rappurtar tal-IAEA. L-UE ttenni l-impenn tagħha għad-diplomazija sabiex jiġi indirizzat il-programm nukleari tal-Iran.

24. Wara l-waqgħa tar-reġim kriminali ta' Assad fis-Sirja, appoġġat mir-Russja u l-Iran, l-UE tenfasizza l-opportunità storika biex il-pajjiż jergħa' jiġi magħqud u mibni mill-ġdid u tissottolinja l-importanza ta' **proċess politiku inklużiv u bi sjieda u tmexxija Sirjana** li jissodisfa l-aspirazzjonijiet leġittimi tal-poplu Sirjan, f'konformità mal-prinċipji ewlenin tar-Riżoluzzjoni 2254 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. L-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tas-Sirja fi ħdan fruntieri siguri għandhom jiġu rrispettati kompletament, f'konformità mad-dritt internazzjonali. L-UE tappella lil Iżrael biex jirrispetta t-termini tal-Ftehim tal-1974 dwar id-Diżimpenn tal-Forzi. L-UE ttenni l-appoġġ tagħha għall-Forza tan-Nazzjonijiet Uniti Inkarigata mill-Osservanza tad-Diżimpenn li qed tissorvelja l-Għoljiet tal-Golan Sirjani u tfakkar fl-importanza tar-riżoluzzjoni 497 (1981) tal-KSNU. Iż-żona ta' l-quġ demilitarizzata trid tiġi rrispettata. L-UE tfakkar fil-pożizzjoni tagħha dwar is-Sirja kif maqbula mill-Kunsill Ewropew fid-19 ta' Diċembru 2024 u tissottolinja l-bżonn li jergħu jiġu stabbiliti l-ġustizzja u l-akkontabbiltà. L-UE tenfasizza wkoll l-importanza tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, tal-prevenzjoni tal-emerġenza mill-ġdid ta' gruppi terroristiċi, u tal-qerda tal-ħażniet ta' armi kimiċi li fadal tas-Sirja filwaqt li jsir progress fir-rigward tal-akkontabbiltà għall-użi dokumentati ta' armi kimiċi.
25. L-UE ttenni l-**kundanna tagħha bl-aktar mod qawwi possibbli tal-gwerra ta' aggressjoni illegali mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna**, li tikser b'mod gravi l-Karta tan-NU u d-dritt internazzjonali, u toħloq theddida diretta għas-sigurtà u l-istabbiltà Ewropea u globali. L-UE tilqa' l-vot ta' Iżrael fl-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar ir-riżoluzzjonijiet rilevanti, kif ukoll il-parteciċipazzjoni ta' Iżrael fis-Summit dwar il-Paċi fl-Ukrajna mlaqqa' fl-Iżvizzera fil-15 u s-16 ta' Ġunju 2024 u l-appoġġ għall-Komunikat Konġunt tiegħu. Minn Frar 2022 'l hawn, l-UE wieġbet b'mod magħqud u determinat għall-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja billi adottat sanzjonijiet, żammet lir-Russja responsabbli, u appoġġat lill-Ukrajna b'għajjnuna umanitarja, finanzjarja, politika, diplomatika u militari mingħajr preċedent. L-UE ser tkompli tagħmel dan għal kemm hemm bżonn u bl-intensità meħtieġa. L-UE tilqa' bi pjaċir l-assistenza ta' Iżrael lill-Ukrajna u liċ-ċittadini tagħha, inkluż il-forniment ta' tagħmir militari difensiv u għajjnuna umanitarja. L-UE tapprezza l-impenn ta' Iżrael biex tiġi evitata ċ-ċirkonvenzjoni tas-sanzjonijiet mit-territorju tiegħu u ser tkompli taħdem flimkien ma' Iżrael fuq din il-kwistjoni.

26. L-UE tappella lill-Houthi biex iwaqqfu immedjatament l-attakki kollha u biex jippermettu li terġa' tiġi stabbilita s-sigurtà marittima. L-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha li tiżgura l-libertà tan-navigazzjoni u s-sigurtà marittima fil-Baħar l-Aħmar permezz tal-**Operazzjoni EUNAVFOR ASPIDES**.
27. L-UE ttenni l-interess strateġiku tagħha f'**ambjent stabbli u sigur fil-Lvant tal-Mediterran**. Il-kooperazzjoni reġjonali fil-Lvant tal-Mediterran trid tiġi żviluppata f'konformità mad-dritt internazzjonali inkluż l-UNCLOS. L-UE tinnotta b'mod pożittiv il-kooperazzjoni li għaddejja bħalissa bbażata fuq il-proġetti bejn Iżrael u l-Istati Membri tal-UE, bl-għan li jsir progress għall-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà fir-reġjun.
28. **Id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem**, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, u l-importanza ta' soċjetà ċivili vibranti huma ċentrali għas-sħubija bejn l-UE u Iżrael.
29. Iżrael huwa marbut bid-**dritt umanitarju internazzjonali (IHL)** u n-normi applikabbli tad-**dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem (IHRL)**, inkluż, bħala setgħa okkupanti, l-obbligu li jipproteġi l-popolazzjoni okkupata. L-UE tappella lil Iżrael biex jaderixxi b'mod strett mar-regoli u l-prinċipji tal-IHL u l-IHRL li jirregolaw l-użu tal-forza u t-twettiq tal-ostilitajiet, inkluż l-umanità, in-neċessità, id-distinzjoni u l-proporzjonalità. L-UE tappella lil Iżrael biex jiżgura l-investigazzjoni imparzjali u effettiva ta' mgħiba ħażina allegata mill-awtoritajiet adatti f'konformità mal-IHL.

30. L-UE tafferma mill-ġdid l-appoġġ sod tagħha għas-**sistema tal-ġustizzja kriminali internazzjonali**, b'mod partikolari għall-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI), kif ukoll l-impenn tagħha li tirrispetta l-Istatut ta' Ruma u tippreżerva l-indipendenza u l-integrità tal-QKI, u tappella għar-rispett tal-funzjonament indipendenti tal-Qorti.
31. L-UE hija determinata li **tiġġieled kontra l-antisemitiżmu f'kull forma u manifestazzjoni tiegħu, u li tippromwovi n-nondiskriminazzjoni** fl-UE u madwar id-dinja. L-UE tikkundanna l-antisemitiżmu bl-aktar mod qawwi possibbli; l-antisemitiżmu huwa inkompatibbli mal-valuri u l-għanijiet tal-UE. Dan jirrappreżenta theddida għal-Lhud u għall-ħajja Lhudija, kif ukoll għal soċjetajiet miftuħa u varjati u għan-nisġa nnifisha tal-istil ta' ħajja Ewropew. L-UE tiddeplora l-fatt li l-inċidenti antisemitiċi u r-reati ta' mibegħda kontra l-Lhud u l-istituzzjonijiet Lhud żdiedu b'mod drammatiku, li wassal għal livell eċċezzjonalment għoli ta' antisemitiżmu madwar l-UE, wara l-attakki tas-7 ta' Ottubru 2023 u l-kunflitt li rriżulta f'Gaza.

32. L-UE saħħet is-Seminar ta' Livell Għoli bejn l-UE u Iżrael dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu, l-antisemitiżmu u l-ksenofobija, li jiġi koorganizzat kull sena. Id-Deċiżjoni Qafas tal-2008 tal-UE dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija tipprovdi qafas legali sod biex jiġu miġġielda reati u diskors ta' mibegħda antisemitiċi, inkluż l-iskużar fil-pubbliku, iċ-ċaħda u t-trivjalizzazzjoni b'mod serju tal-Olokawstu b'mod li jista' jinċita l-vjolenza jew il-mibegħda. L-UE hija determinata li tiġġieled l-antisemitiżmu online, b'mod partikolari d-diskors ta' mibegħda antisemitika, il-miti ta' komplott, iċ-ċaħda u d-distorsjoni tal-Olokawstu, kif muri wkoll mill-approvazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar is-sostenn tal-Ħajja Lhudija u l-ġlieda kontra l-antisemitiżmu fil-15 ta' Ottubru 2024. Il-ħidma tal-Koordinatur tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Ġlieda kontra l-Antisemitiżmu u s-Sostenn tal-Ħajja Lhudija tkompli tirrifletti li l-ġlieda kontra l-antisemitiżmu hija prijorità fl-UE. Il-Kummissjoni ilha mill-2017 tuża d-definizzjoni operattiva mhux legalment vinkolanti tal-antisemitiżmu tal-Alleanza Internazzjonali għat-Tifkira tal-Olokawstu (IHRA), adottata f'Bucharest (2016), bħala gwida Prattika u bażi għall-ħidma tagħha biex tiġġieled l-antisemitiżmu u tteġġeg l-adozzjoni u l-użu tagħha. L-UE hija impenjata li tesplora aktar oqsma ta' kooperazzjoni dwar it-tifkira tal-Olokawstu, inkluż permezz tal-Infrastruttura Ewropea għar-Riċerka dwar l-Olokawstu (EHRI). Biex tiġġieled l-antisemitiżmu u l-preġudizzji, tqajjem kuxjenza u żżid l-għarfien dwar l-istorja u l-kultura Lhudija, u tikseb rikonoxximent sħiħ tal-Ħajja Lhudija bħala parti mis-soċjetà tal-Ewropa, il-Kummissjoni kkooperat mill-qrib maċ-Ċentru Dinji ta' Tifkira tal-Olokawstu Yad Vashem f'Iżrael, f'konformità mal-Istrateġija tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u s-sostenn tal-Ħajja Lhudija (2021-2030), u appoġġat il-ħolqien ta' Esperjenza Awdjoviżiva Immersiva fil-Wied tal-Komunitajiet tiegħu.

33. L-UE tibqa' determinata fl-impenn tagħha **li tippromwovi n-nondiskriminazzjoni u tirrispetta, tipproteġi u tiggarantixxi d-dritt għal-libertà ta' reliġjon jew twemmin**. L-UE tippromwovi u tipproteġi **d-dritt għal-libertà ta' reliġjon jew twemmin** u tikkundanna kwalunkwe att ta' diskriminazzjoni, ostilità, mibegħda, vjolenza jew persekuzzjoni abbażi ta' reliġjon jew twemmin, inkluż atti ta' antisemitiżmu, mibegħda anti-Musulmana u mibegħda anti-Nisranija. L-UE tenfasizza l-importanza li jiġi ggarantit b'mod effettiv id-dritt għal-libertà ta' reliġjon jew twemmin għal kulħadd bl-għan li tippromwovi l-paċi, it-tolleranza, ir-rispett u l-kooperazzjoni fost in-nies tar-reliġjonijiet jew it-twemmin kollha.
34. L-UE tappella lil Iżrael biex jaderixxi mal-obbligi internazzjonali tiegħu tad-drittijiet tal-bniedem biex jirrispetta **l-libertà ta' assoċjazzjoni, ta' għaqda u ta' espressjoni**, inkluż billi jiżgura spazju ċiviku sikur, miftuħ u abilitanti, kemm online kif ukoll offline, kif ukoll aċċess għall-informazzjoni, il-libertà tal-media u s-sikurezza tal-ġurnalisti. Soċjetà ċivili ħielsa, indipendenti u diversa hija indispensabbli biex jiġu promossi l-valuri demokratiċi, tinkiseb l-akkontabilità u jinbnew soċjetajiet aktar paċifiċi. L-UE hija mħassba dwar ir-riskju ta' restrizzjonijiet għal NGOs iffinanzjati minn barra l-pajjiż, li jllimitaw is-soċjetà ċivili u l-parteċipazzjoni u l-attività demokratika tagħha. Il-leġiżlazzjoni kontra t-terroriżmu jew dwar is-sigurtà nazzjonali ma għandha qatt tintuża ħażin biex iddgħajef id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali. L-UE tappella lil Iżrael biex jippermetti aċċess għal Gaża għall-mezzi tax-xandir indipendenti inkluż mezzi internazzjonali. L-UE ttenni l-appoġġ tagħha għad-**difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġurnalisti u ħaddiema oħra tal-media**.

35. L-UE tappella lil Iżrael biex jikkonforma bis-sħiħ mal-**obbligi internazzjonali tiegħu dwar id-drittijiet tal-bniedem inkluż fil-kuntest tal-arrest, l-interrogazzjoni u d-detenzjoni**. L-UE għadha mħassba serjament dwar ir-rikors estensiv minn Iżrael, li żdied mis-7 ta' Ottubru 2023 'l hawn, għal arresti indiskriminati u detenzjoni amministrattiva mingħajr akkuża formali. Skont id-dritt internazzjonali d-detenuiti għandhom id-dritt li jiġu infurmati dwar l-akkużi li fuqhom tkun ibbażata d-detenzjoni tagħhom u li l-legalità tad-detenzjoni tagħhom tiġi ddeterminata mingħajr dewmien żejjed, kif ukoll id-dritt għal assistenza legali u proċess xieraq u ġust. **Il-projbizzjoni tat-tortura u ta' trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra hija assoluta skont id-dritt internazzjonali**. L-UE tfakkar li l-Istati għandhom dmir akbar ta' diliġenza li jieħdu kwalunkwe miżura meħtieġa biex jipproteġu l-ħajjiet ta' individwi mċaħħda mil-libertà tagħhom. L-UE u l-Istati Membri tagħha jappellaw lill-partijiet kollha biex jagħtu lill-KISA aċċess mingħajr xkiel għal postijiet ta' detenzjoni, f'konformità mal-obbligi tagħhom skont id-dritt umanitarju internazzjonali.

36. Ir-rispett, il-protezzjoni u l-garanzija tad-**drittijiet tat-tfal** jibqgħu ċentrali għall-politika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem, u jenfasizzaw l-impenn tagħha li tiżgura futur għat-tfal ħielsa mill-vjolenza u l-privazzjoni. L-UE għadha profondament imħassba dwar l-impatt serju tal-kunflitt u l-vjolenza fuq it-tfal, li jiffaċċaw riskji serji għas-sikurezza u l-benesseri tagħhom minħabba l-kunflitt, b'mod partikolari għadd kbir ta' tfal Palestinjani maqtula, midruba u spostati, fejn ħafna skejjel u faċilitajiet mediċi saritilhom il-ħsara jew inqerdu. L-UE tappella lil Iżrael biex jirrispetta, jipproteġi u jiggarantixxi d-drittijiet tal-bniedem tal-minorenni Palestinjani kollha, speċjalment dawk li jiffaċċaw l-arrest u d-detenzjoni, f'konformità mal-obbligi tiegħu skont id-dritt internazzjonali, speċifikament il-konvenzjoni tan-NU dwar id-drittijiet tat-tfal, u l-istandards rigward id-detenzjoni tat-tfal, inkluż f'każijiet ta' reati ta' sigurtà, u t-tmiem tal-prattika ta' detenzjoni amministrattiva. L-UE tappella għall-protezzjoni tat-tfal, inkluż l-iżgurar tad-dritt tagħhom għall-edukazzjoni u l-kura medika f'ambjent sikur u sigur.
37. L-UE thegġegħ lil Iżrael biex jirrispetta, jipproteġi u jiggarantixxi d-drittijiet tal-persuni kollha, inkluż dawk li jagħmlu parti minn **minoranzi**, b'mod partikolari l-minoranza Għarbija, biex itejjeb l-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetà Iżraeljana, biex jipproteġi d-drittijiet tagħhom, u biex inaqas id-disparitajiet ekonomiċi u soċjali. L-UE tinkoraġġixxi wkoll lil Iżrael biex isaħħaħ il-parteċipazzjoni tal-gruppi ta' minoranza kollha fil-proċessi ta' politika u ta' governanza fil-livelli kollha u biex jevita kwalunkwe diskriminazzjoni fil-liġi u fil-prattika. L-UE tappella għal soluzzjoni komprensiva u ekwa fir-rigward tal-irħula Bedwini mhux rikonoxxuti.

38. L-UE tippromwovi l-**ugwaljanza bejn il-ġeneri** u t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem kollha min-nisa u l-bniet kollha u t-tiħiħ tal-pożizzjoni tagħhom bħala prijorit  fl-oqsma kollha ta' azzjoni, skont l-impenji internazzjonali. L-eliminazzjoni tal-forom kollha ta' diskriminazzjoni u esklużjoni, u l-forom kollha ta' vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, u parteċipazzjoni u tmexxija sħaħ, ugwali u sinifikattivi tan-nisa u l-bniet huma fundamentali għall-paċi u s-sigurt , l-iżvilupp sostenibbli, u t-tkabbir ekonomiku. L-UE tfaħħar lil Iżrael għall-adozzjoni tal-liġi dwar brazzuletti tat-traċċar elettroniku fuq id-dirgħajn tal-awturi ta' vjolenza domestika, u tittama li din tkompli tiġi rieżaminata.
39. L-UE tafferma mill-ġdid l-impenn b'saħħtu tagħha li tirrispetta, tiproteġi u tiggarantixxi t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem ta' persuni lezġjani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali (**LGBTI**). Iżrael huwa sieħeb ewlieni tal-UE fir-rigward tal-indirizzar tal-inugwaljanzi, id-diskriminazzjoni u l-vjolenza li jaffettwaw lill-persuni LGBTI, inkluż fil-fora internazzjonali. L-UE tfaħħar lil Iżrael għat-tiħiħ tal-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-persuni LGBTI, inkluż permezz ta' leġislazzjoni. L-UE interessata li tisma' aġġornamenti dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Eżami Perjodiku Universali relatati ma' persuni LGBTI.

40. L-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha li tippromwovi u ttiproteġi **d-drittijiet tal-bniedem fl-isfera diġitali**. F'dan ir-rigward, l-UE tilqa' l-parteciġazzjoni ta' Iżrael bħala firmatarju tal-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt (il-Konvenzjoni ta' Vilnius). F'konformità mal-impenji meħuda skont il-Patt Diġitali Globali adottat reċentement, l-UE tteġġeg lil Iżrael biex jiżgura li l-liġijiet u r-regolamenti dwar l-użu tat-teknoloġija foqhma bħas-sorveljanza jkunu konformi mad-dritt internazzjonali. L-UE tteġġeg lil Iżrael biex jieħu azzjoni effettiva biex jindirizza l-kampanji ta' diżinformazzjoni u d-diskors ta' mibegħda u jippromwovi l-integrità tal-informazzjoni online. L-UE tfakkar li l-aċċess għal internet miftuħ, sikur u sigur huwa essenzjali f'demokrazija, inkluż għall-aċċess għas-saħħa u l-edukazzjoni u biex jiġi ffaċilitat t-twassil ta' għajjnuna umanitarja.
41. Viċinat tan-Nofsinhar demokratiku, aktar stabbli, aktar ekoloġiku u għani huwa prijorità strateġika komuni u interess fundamentali kemm għall-UE kif ukoll għas-sħab tagħha tal-Viċinat tan-Nofsinhar. L-UE tqis lil Iżrael bħala **sieħeb ewlieni għall-kooperazzjoni fil-ħames oqsma ta' politika prijoritarji li tidentifika l-Komunikazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli dwar Sħubija Mġedda mal-Viċinat tan-Nofsinhar – Aġenda Ġdida għall-Mediterran<sup>2</sup>**, b'mod partikolari l-iżvilupp tal-bniedem, il-governanza tajba u l-istat tad-dritt; ir-reżiljenza, il-prosperità u t-tranżizzjoni diġitali; il-paċi u s-sigurtà; il-migrazzjoni u l-mobbiltà; it-tranżizzjoni ekoloġika: ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, l-enerġija u l-ambjent. Il-Komunikazzjoni Konġunta tissuġġerixxi li l-UE żżid il-kooperazzjoni eżistenti tagħha ma' Iżrael fl-oqsma diġitali, tar-riċerka u tal-innovazzjoni u tidentifika opportunitajiet biex issaħħaħ il-kooperazzjoni foqhma relatati ta' interess reċiproku. L-UE tissottolinja r-rwol ewlieni ta' Iżrael, kif ukoll tal-membri l-oħra mill-Viċinat tan-Nofsinhar, fil-governanza, l-effiċjenza u t-tiżni tal-Unjoni għall-Mediterran.

---

2

[https://www.eeas.europa.eu/sites/default/files/joint\\_communication\\_renewed\\_partnership\\_southern\\_neighbourhood.pdf](https://www.eeas.europa.eu/sites/default/files/joint_communication_renewed_partnership_southern_neighbourhood.pdf)

42. Taħt l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali, Iżrael ikompli jibbenefika minn allokkazzjonijiet li jappoġġaw il-kooperazzjoni istituzzjonali (il-proġetti ta' Ġemellaġġ u TAIEX u forom oħra ta' appoġġ tekniku). Iżrael jibbenefika wkoll minn proġetti bil-għan tal-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali sabiex tissaħħaħ l-istabbiltà reġjonali u jitmexxa 'l quddiem il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani.
43. L-UE hija l-akbar sieħeb kummerċjali ta' Iżrael u t-tieni l-akbar sieħeb ta' investiment. Iżrael huwa fost l-akbar sħab kummerċjali tal-UE fiż-żona tal-Mediterran bl-aktar struttura diversifikata ta' **kummerċ**. Minkejja li għad fadal xi impedimenti għall-aċċess għas-suq, il-kundizzjonijiet ġenerali għall-kummerċ bilaterali u l-investimenti huma tajbin. L-UE tilqa' r-riforma regolatorja tal-importazzjoni li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025, li ser tissimplifika l-proċeduri tal-importazzjoni għal varjetà ta' prodotti għall-konsumatur, tabolixxi għexieren ta' standards nazzjonali tal-importazzjoni u minflok tiddependi fuq il-konformità mal-istandards tal-UE u standards internazzjonali oħra. L-UE tilqa' l-appoġġ ta' Iżrael fil-proċess ta' reviżjoni tal-Konvenzjoni Pan-Ewro-Mediterranja (PEM), li rriżultat fl-adozzjoni tagħha b'unanimità mill-partijiet kontraenti kollha fis-7 ta' Diċembru 2023. L-UE sserraħ fuq il-kooperazzjoni ta' Iżrael bil-ħsieb ta' implimentazzjoni b'suċċess tal-Konvenzjoni riveduta fl-1 ta' Jannar 2025.

44. L-UE tistma l-kooperazzjoni mill-qrib ta' Iżrael mal-UE meta jinqalgħu ostakli kummerċjali u tapprezza b'mod partikolari l-proġett pilota stabbilit biex jindirizza l-prattika li ilha teżisti dwar l-awtorizzazzjoni għall-importazzjoni tal-awtoritajiet Iżraeljani għal apparati mediċi li tidiskrimina fost l-Istati Membri tal-UE. Madankollu, l-UE tkompli tistenna li jkun hemm emenda leġiżlattiva biex ir-reġim pilota jsir permanenti. Barra minn hekk, l-UE għadha mħassba dwar xi kwistjonijiet ta' **aċċess għas-suq**, l-aktar reċentement in-nuqqas ta' trasparenza mill-awtoritajiet kompetenti Iżraeljani meta rrifjutaw apparat mediku destinat għal sptarjiet fix-Xatt tal-Punent, iżda wkoll kwistjonijiet li ilhom jeżistu bħall-proċess ta' ċertifikazzjoni kkumplikat għall-esportazzjonijiet tal-UE ta' laħam kosher u l-projbizzjoni fuq l-esportazzjonijiet tal-UE ta' laħam mhux kosher.
45. L-UE hija interessata li tkompli taħdem fuq kwistjonijiet relatati mal-kummerċ li qed jiġu diskussi ma' Iżrael u li **tikkondividi Prattiki** foqhma differenti, inkluż dwar standards għal prodotti agrikoli u industrijali kif ukoll il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi. Hija interessata li tkompli l-kooperazzjoni dwar is-sigurtà tal-ikel, is-sikurezza alimentari, il-politika agrikola, l-iżvilupp rurali u l-biedja organika.
46. L-UE sserraħ fuq Iżrael biex jikkontribwixxi b'mod kostruttiv għat-tkomplija rapida tal-ħidma dwar l-implimentazzjoni tal-Pakkett ta' miżuri biex jiġi ffaċilitat il-kummerċ ta' prodotti Palestinjani ma' sħab Ewro-Mediterranji oħra, meta l-kundizzjonijiet jippermettu. L-UE ser tkompli tappoġġa dawn l-isforzi.

47. L-UE tfakkar fid-**djalogi dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu** mibdija ma' Iżrael fl-2015. L-aħħar djalogu sar f'Mejju 2023.
48. Filwaqt li jibnu fuq impenji tal-passat, l-UE u Iżrael ser ikompli l-iskambji tagħhom biex javvanzaw **ċiberspazju miftuħ, liberu, stabbli u sigur**, b'mod partikolari billi jippromwovu l-applikazzjoni tad-dritt internazzjonali fiċ-ċiberspazju u l-implimentazzjoni tan-normi volontarji ta' mgħiba responsabbli tal-istat fiċ-ċiberspazju fin-Nazzjonijiet Uniti u f'fora internazzjonali rilevanti oħra, kif ukoll billi javvanzaw l-istabiliment ta' Programm ta' Azzjoni tan-NU f'dan il-kuntest. Barra minn hekk, l-UE u Iżrael ser jesploraw il-possibbiltà li jkomplu jiskambjaw l-għarfien u l-aħjar prattiki, u li jikkooperaw biex isaħħu r-reżiljenza ċibernetika u l-indirizzar ta' ċiberkriminalità, b'mod partikolari r-ransomware.

49. L-UE tapprezza l-kooperazzjoni produttiva bejn Iżrael u l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà **Marittima** fil-qafas tal-programm rilevanti ffinanzjat mill-UE (SAFEMED) dwar is-sikurezza, is-sigurtà u s-sostenibbiltà marittima. F'dan il-kuntest, l-UE tapprezza b'mod speċjali l-interess attiv u l-parteċipazzjoni ta' Iżrael fis-servizzi ta' taġlim ipprovduti mill-Akkademja tal-EMSA u l-użu ta' għodod u servizzi bħal THETIS-Med (sistema ta' informazzjoni dwar il-kontroll tal-Istat tal-port) u CleanSeaNet (sorveljanza tat-tniġġis marittimu bis-servizz satellitari). Filwaqt li hemm lok għal aktar kooperazzjoni teknika, b'mod partikolari fir-rigward tar-ratifika u t-traspożizzjoni minn Iżrael tal-Anness VI tal-Konvenzjoni MARPOL u l-kondiviżjoni tad-data reġjonali tal-AIS (Sistema ta' Identifikazzjoni Awtomatika), Iżrael jibqa' wieħed mill-aktar sħab benefiċjarji attivi tal-Proġett SAFEMED. L-UE tinnotta li hemm potenzjal għal aktar skambji, pereżempju, dwar it-trasport bil-ferrovija, is-sigurtà tat-trasport, il-promozzjoni tat-trasport multimodali, il-mobbiltà urbana sostenibbli, u s-sistemi tat-trasport intelliġenti. Għandha titkompla l-implimentazzjoni ulterjuri tal-Ftehim Ewro-Mediterranju komprensiv bejn l-UE u Iżrael dwar l-Avjazzjoni.

50. L-UE tappella għal involviment attiv tas-sħab kollha biex jiġi żgurat li l-**impenji internazzjonali dwar il-klima, l-oċeani, il-bijodiversità u l-ambjent** jiġu implimentati b'mod effettiv, bħala bażi għall-kisba tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha u l-oġjettivi tal-Ftehim ta' Pariġi. L-UE tħeġġeġ lill-Partijiet kollha biex fil-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali (NDC) li jmiss tagħhom qabel il-COP30 f'Belem, jippreżentaw miri ambizzjużi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-ekonomija kollha, li jkopru l-gassijiet serra, is-setturi u l-kategoriji kollha, u li jkunu allinjati mal-limitazzjoni tat-tiżhin globali għal 1.5° C; jallinjaw l-NDC tagħhom ma' strateġiji ta' żvilupp fit-tul b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra; jibnu fuq l-eżiti tar-rendikont globali dwar it-tranżizzjoni tal-enerġija, kif ukoll isegwu l-linji gwida internazzjonali billi jipprovdi informazzjoni ċara u trasparenti dwar l-NDC. L-UE tappella wkoll lil Iżrael biex jingħaqad fl-isforzi kollettivi biex jimmobilizza l-finanzjament għall-klima fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-kuntest tal-għan kollettiv kwantifikat il-ġdid kif maqbul fil-COP29.
51. L-UE hija impenjata li ssaħħa il-kooperazzjoni dwar l-**enerġija** ma' Iżrael biex trawwem is-sigurtà, is-sostenibbiltà u r-reżiljenza tal-enerġija filwaqt li tippromwovi l-paċi u l-istabbiltà fir-reġjun. Il-kooperazzjoni tagħna, imsaħħa mill-Memorandum ta' Qbil dwar il-kooperazzjoni relatata mal-Kummerċ, it-Trasport u l-Esportazzjoni tal-Gass Naturali lejn l-Unjoni Ewropea, iffirmit fil-15 ta' Ġunju 2022 mill-UE, Iżrael u l-Eġittu, hija ċċentrata fuq l-avvanz tat-tranżizzjoni tal-enerġija, id-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-enerġija, l-aċċess għall-enerġija fir-reġjun, u t-tiżhih tas-sigurtà tal-enerġija reġjonali, fejn l-esportazzjonijiet tal-gass minn Iżrael bħalissa huma kontributor ewlieni wieħed, bħalma hija l-kooperazzjoni reġjonali dwar l-enerġija, inkluż fil-kuntest tal-Forum dwar il-Gass tal-Lvant tal-Mediterran. Minn hawn 'il quddiem, il-kooperazzjoni tagħna ser tkun iffukata fuq l-aċċellerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza fl-enerġija, u l-investimenti fl-idroġenu bil-ħsieb li jiġi sfruttat il-potenzjal imdaqqs ta' enerġija rinnovabbli u ta' dekarbonizzazzjoni tar-reġjun. L-UE tilqa' l-parteċipazzjoni ta' Iżrael f'Orizzont Ewropa u tistenna b'interess aktar kooperazzjoni dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni fis-settur tal-enerġija.

52. L-UE tesprimi r-rieda li tesplora l-kooperazzjoni ma' Iżrael dwar il-Kuritur Ekonomiku bejn l-Indja u l-Lvant Nofsani (IMEC) fil-qafas tal-**Global Gateway**, bil-ħsieb li jiġu appoġġati l-integrazzjoni reġjonali, in-normalizzazzjoni bejn Iżrael u għadd ta' Stati Għarab, l-istabbiltà u l-paċi.
53. Fil-qasam tax-**xjenza u t-teknoloġija**, wara l-assoċjazzjoni sħiħa ta' Iżrael mal-programm Orizzont Ewropa għall-perjodu 2021-2027, l-UE tilqa' bi pjaċir iż-żieda fil-parteċipazzjoni tal-entitajiet ta' riċerka Iżraeljani fil-programm. L-UE tistenna b'interess li tkompli l-kooperazzjoni tagħha ma' Iżrael, tindirizza l-isfidi globali, tiffaċilita t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, taċċellera l-bidla dinjija lejn sistema tal-ikel sigura u ġusta u tqarreb is-sistemi ta' innovazzjoni tal-UE u ta' Iżrael. Mill-1996, l-assoċjazzjoni ta' Iżrael mal-programmi qafas tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni kienet storja ta' suċċess. Din il-kooperazzjoni tikkontribwixxi għal relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali bilaterali aktar b'saħħithom u tiffaċilita l-involviment fir-reġjun. F'dan il-kuntest, l-UE tilqa' bi pjaċir il-parteċipazzjoni attiva kontinwa ta' Iżrael finizjattivi reġjonali ta' diplomazija dwar ix-xjenza, bħal SESAME, PRIMA u EMUNI.

54. Fil-qasam tal-**ekonomija u s-soċjetà diġitali**, l-UE tilqa' tajjeb l-impenn ta' Iżrael fl-attivitajiet tal-Grupp ta' Regolaturi Ewro-Mediterranji (EMERG), l-inizjattiva tal-UE li għandha l-għan li żżid l-armonizzazzjoni regolatorja UE-Mediterran u tippromwovi l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet li jirregolaw it-telekomunikazzjonijiet u hija lesta li taħdem lejn sħubija ambizzjuża dwar kwistjonijiet diġitali. L-UE tilqa' wkoll il-fatt li Iżrael huwa membru sħiħ tal-korpi relatati tal-OECD, b'mod partikolari l-grupp ta' ħidma għall-Politika dwar l-Infrastruttura u s-Servizzi tal-Komunikazzjoni (CISP).
55. L-UE tfakkar li l-Konferenza dwar ir-Radjukomunikazzjoni tal-Unjoni Internazzjonali tat-**Telekomunikazzjoni** (UIT), li saret f'Sharm El-Sheikh f'Novembru 2019, irrevediet ir-Risoluzzjoni 12. Din ir-Risoluzzjoni appellat għal proċess biex tiġi implimentata t-teknoloġija 3G u jiġi stabbilit qafas ta' żmien adegwat għall-allokkazzjoni tal-frekwenzi 4G u 5G għall-operaturi Palestinjani. L-UE tappella lil Iżrael u lill-awtoritajiet Palestinjani biex jilħqu ftehim f'waqtu dwar l-assenjament tal-frekwenzi 4G u 5G meħtieġa għall-operaturi Palestinjani, qabel it-tlestija tal-implimentazzjoni tal-5G Iżraeljani u biex jikkooperaw ma' atturi internazzjonali li jaħdmu fuq dan is-suġġett bħall-Uffiċċju tal-Kwartett.
56. Fil-qasam tal-**edukazzjoni**, l-UE tilqa' b'mod pożittiv il-parteciċipazzjoni ta' Iżrael fid-dimensjoni internazzjonali tal-programm Erasmus+ 2021-2027 li jkompli jikkontribwixxi għall-promozzjoni ta' fehim reċiproku bl-iżvilupp ta' kuntatti bejn il-persuni permezz ta' kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u skambji ta' studenti u persunal, kif ukoll permezz ta' skambji taż-żgħażaġh. L-UE tilqa' b'sodisfazzjon ukoll il-benefiċċji miġjuba mill-programm għall-edukazzjoni għolja Iżraeljana, inkluż iż-żieda fl-internazzjonalizzazzjoni tiegħu, u tistenna b'interess li tkompli tikkoopera ma' Iżrael fil-qafas tal-programm Erasmus+.
57. L-UE tistenna b'interess laqgħa li tagħti frott u kostruttiva tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Iżrael.